**Parlament Ewropew**
2019-2024



**2023/0311(COD)**

4.12.2023

# OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità
COM(2023)0512 - C9 - 0328/2023

Rapporteur għal opinjoni: Rosa Estaràs Ferragut

PA_Legam

## EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(2a) Billi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"), b'mod partikolari fl-Artikoli 3, 6, 7, 8, 14, 15, 16, 20, 21, 23, 24, 25, 26, 31, 34, 35, 36, 41, 42, 45 u 47 tagħha, tiġbor flimkien l-aktar libertajiet u drittijiet personali importanti, inkluż għall-persuni b'diżabilità,*** |
| | ***(2b) Billi r-riżoluzzjoni tat-13 ta' Diċembru 2022 bit-titolu "Lejn drittijiet ugwali għall-persuni b'diżabilità"[1a], tiddikjara l-importanza u l-ħtieġa li jkun hemm Kard tal-UE tad-Diżabilità,*** |
| | ***(2c) Billi r-riżoluzzjoni tal-4 ta' Ottubru 2023 bit-titolu "L-armonizzazzjoni tad-drittijiet tal-persuni bl-awtiżmu"[2a] tenfasizza l-importanza tal-proposta dwar il-Kard tal-UE tad-Diżabilità,*** |
| | ______________ |
| | ***1a https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2022-0435_MT.html*** |
| | ***2a https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0343_MT.html*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija valur tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 2 tat-TUE, u fl-Artikolu 8 tat-TFUE huwa ddikjarat li fl-attivitajiet kollha tagħha l-Unjoni għandha timmira li telimina l-inugwaljanzi, tistabbilixxi l-prinċipju tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi l-Unjoni Ewropea rratifikat il-Konvenzjoni ta' Istanbul dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, u għalhekk, il-protezzjoni u l-appoġġ ipprovduti fl-ambitu tal-Konvenzjoni ta' Istanbul iridu jkunu disponibbli għal kwalunkwe mara mingħajr diskriminazzjoni, irrispettivament minn kwalunkwe diżabilità;*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3b) Il-mandat ta' ugwaljanza u nondiskriminazzjoni li jinsab fl-Artikolu 5 tas-CRPD huwa rilevanti, peress li l-Kard Ewropea tad-Diżabilità hija maħsuba biex tħaffef l-ugwaljanza tal-persuni b'diżabilità permezz tar-rikonoxximent reċiproku tagħhom fl-UE. Hemm bżonn li l-mobilità u l-moviment liberu jiġu indirizzati b'mod sensittiv għall-ġeneru sabiex din il-leġiżlazzjoni tikkontribwixxi għar-rikonoxximent tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet b'diżabilità, l-ommijiet u dawk li jieħdu ħsieb il-persuni b'diżabilità u jiġi adottat approċċ intersezzjonali fil-protezzjoni tagħhom mid-diskriminazzjoni. Huwa essenzjali li jiġi rikonoxxut li n-nisa u l-bniet b'diżabilità*** |

| | |
|---|---|
| | ***huma affettwati minn diskriminazzjoni f'ħafna oqsma tal-ħajja inkluż l-iżolament soċjali, in-nuqqas ta' aċċess għas-servizzi komunitarji, l-akkomodazzjoni ta' kwalità baxxa, l-istituzzjonalizzazzjoni u l-kura tas-saħħa mhux adegwata li tfixkilhom milli jikkontribwixxu u jinvolvu ruħhom b'mod attiv fis-soċjetà. In-nisa b'diżabilità għandhom probabbiltà 10 darbiet akbar li jesperjenzaw attakk fiżiku jew sesswali min-nisa mingħajr diżabilità u għalhekk jenħtieġ li tkun disponibbli informazzjoni dwar l-aċċess għal servizzi ta' appoġġ speċjalizzati għal dawk in-nisa b'diżabilità li jkunu sofrew xi forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru. B'mod ġenerali, is-sitwazzjoni għan-nisa u għall-bniet b'diżabilità hija agħar minn dik tal-irġiel u tas-subien b'diżabilità, b'dan jiġi enfasizzat pereżempju f'żoni rurali fejn l-aċċess għas-servizzi u għall-opportunitajiet b'mod ġenerali huwa ħafna aktar limitat. Kwalunkwe persuna b'diżabilità fattwali, skont it-tifsira ddikjarata fl-Artikolu 1 tas-CRPD, meta tirrisjedi jew tiċċaqlaq fi Stat Membru tal-UE differenti minn tagħha, jenħtieġ li jkollha l-istatus ta' diżabilità tagħha rikonoxxut.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) L-għan tal-UNCRPD huwa li tippromwovi, tipproteġi u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabilità, u li tippromwovi r-rispett għad-dinjità inerenti tagħhom, u b'hekk tiżgura l-parteċipazzjoni u l-inklużjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' oħrajn. Il-UNCRPD tirrikonoxxi wkoll l-importanza tal-ħtieġa | (6) L-għan tal-UNCRPD huwa li tippromwovi, tipproteġi u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabilità, u li tippromwovi r-rispett għad-dinjità inerenti tagħhom, u b'hekk tiżgura l-parteċipazzjoni u l-inklużjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' oħrajn. ***Fl-Artikolu 6 tagħha, il-UNCRPD tirrikonoxxi b'mod speċifiku*** |

li jittieħdu miżuri xierqa biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità.

***li n-nisa u l-bniet b'diżabilità huma soġġetti għal diskriminazzjoni multipla, f'ħafna każijiet minħabba l-intersezzjoni tal-ġeneru u d-diżabilità, li taffettwa l-isferi kollha ta' ħajjithom, inklużi l-esperjenzi ta' mobilità tagħhom, li jirrikjedu li l-Istati partijiet "jieħdu miżuri biex jiżguraw it-tgawdija sħiħa u ugwali min-naħa tagħhom tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha" u jiżguraw l-iżvilupp sħiħ, l-avvanz u l-għoti tas-setgħa lin-nisa. In-nisa b'diżabilità spiss jiffaċċjaw forom intersezzjonali ta' diskriminazzjoni, u għalhekk il-leġiżlazzjoni tal-UE jeħtieġ li tintegra approċċ intersezzjonali sabiex tindirizza kif xieraq l-esklużjoni u d-diskriminazzjoni minn perspettiva komprensiva, sistemika u strutturali; L-Istati Membri tal-UE huma marbuta mill-UNCRPD, madankollu hemm differenzi sinifikanti bejn l-implimentazzjoni tal-pajjiżi[1a]. Hemm bżonn li jsir progress fl-ugwaljanza għall-persuni b'diżabilità fil-pajjiżi kollha, pereżempju permezz ta' investimenti fl-infrastruttura, fil-bini tal-kapaċitajiet u f'kampanji ta' sensibilizzazzjoni.*** Il-UNCRPD tirrikonoxxi wkoll l-importanza tal-ħtieġa li jittieħdu miżuri xierqa biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà ***universali*** għall-persuni b'diżabilità***, bħal pereżempju għal dawk b'illitteriżmu funzjonali li jolqot l-aktar lin-nisa, speċjalment fir-rigward tad-direttiva attwali, u biex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità jgawdu minn mobilità personali bl-akbar indipendenza possibbli***.

***(6a) Huwa meħtieġ li jiġi rikonoxxut li n-nisa u l-bniet b'diżabilità jiffaċċjaw riskju akbar ta' vjolenza u abbuż, inkluż abbuż sesswali, u għandhom vulnerabbiltà akbar minħabba s-sess, l-età u d-diżabilità tagħhom,***

***(6b) Iċ-ċifri juru b'mod ċar li l-persuni li jieħdu ħsieb il-persuni b'diżabilità fil-maġġoranza l-kbira tagħhom huma nisa u li għalhekk għandu jiġi applikat approċċ sensittiv għall-ġeneru anke meta titqies il-***

***perspettiva tal-persuni li jieħdu ħsiebhom.***

______________

***[1a] Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, https://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/fra-2023-uncrpd-human-rights-indicators_en.pdf***

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) (6a) Billi d-data mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi[1a] turi li fl-UE, 20 % tan-nisa b'diżabilità huma impjegati full-time, meta mqabbla ma' 29 % tal-irġiel b'diżabilità u 48 % tan-nisa mingħajr diżabilità. 22 % tan-nisa b'diżabilità huma f'riskju ta' faqar, meta mqabbla ma' 20 % tal-irġiel b'diżabilità u 16 % tan-nisa mingħajr diżabilità. 17 % tan-nisa b'diżabilità jiggradwaw b'edukazzjoni terzjarja, meta mqabbla ma' 18 % tal-irġiel b'diżabilità u 32 % tan-nisa mingħajr diżabilità. 11 % tan-nisa b'diżabilità għandhom ħtiġijiet ta' eżami mediku mhux issodisfati, meta mqabbla ma' 10 % tal-irġiel b'diżabilità u 3 % tan-nisa mingħajr diżabilità; billi madwar 46 miljun mara u tifla fl-UE għandhom diżabilità, ċifra li tinkludi madwar 16 % tal-popolazzjoni femminili totali u li tirrappreżenta 60 % tal-popolazzjoni globali tal-persuni b'diżabilità; għalhekk għandu jiġi applikat approċċ sensittiv għall-ġeneru meta tiġi stabbilita Kard Ewropea tad-Diżabilità, u wara r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi adottati mill-Kumitat CRPD dwar ir-rapport inizjali tal-UE fl-2015, b'mod partikolari, l-integrazzjoni tal-perspettiva tan-nisa u l-bniet b'diżabilità trid tkun fiċ-ċentru tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri,*** |

***flimkien ma' politiki u programmi u perspettiva tal-ġeneru fl-istrateġija tagħha dwar id-diżabilità. Il-Kumitat irrakkomanda wkoll li l-Unjoni Ewropea tiżviluppa azzjonijiet biex tavvanza d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet b'diżabilità billi tistabbilixxi mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-progress u l-appoġġ għall-finanzjament tal-ġbir tad-data u tar-riċerka dwar in-nisa u l-bniet b'diżabilità[1c]; filwaqt li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li tinġabar data diżaggregata skont il-ġeneru biex tiġi elaborata valutazzjoni tal-impatt fuq il-ġeneru tad-Direttiva u tiġi ggarantita fil-futur ir-reviżjoni tagħha integrata skont il-perspettiva tal-ġeneri.***

______________________

***[1a] (Intersecting inequalities in the European Union in the 2023 Gender Equality Index) Inugwaljanzi li jikkoinċidu fl-Unjoni Ewropea fl-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-2023 https://eige.europa.eu/gender-equality-index/2022/domain/intersecting-inequalities/disability/work***

***[1b] https://www.edf-feph.org/women-and-gender-equality/***

***[1c] Concluding observations on the initial report of the European Union (Osservazzjonijiet konklużivi dwar ir-rapport inizjali tal-Unjoni Ewropea) CRPD/C/EU/CO/1, Kumitat dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, 2 ta' Ottubru 2015.***

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamat mill-Parlament | (7) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamat mill-Parlament |

| | |
|---|---|
| Ewropew, mill-Kunsill, u l-Kummissjoni Ewropea f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017[40], jipprovdi li kulħadd, inter alia irrispettivament mid-diżabilità, għandu d-dritt għal trattament u opportunitajiet indaqs fir-rigward, ***fost l-oħrajn,*** tal-aċċess għall-prodotti u s-servizzi disponibbli għall-pubbliku (il-prinċipju 3). Barra minn hekk, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jirrikonoxxi li l-persuni b'diżabilità għandhom id-dritt għal servizzi li jippermettulhom jipparteċipaw fis-soċjetà (il-prinċipju 17). | Ewropew, mill-Kunsill, u l-Kummissjoni Ewropea f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017[40], jipprovdi li kulħadd, inter alia irrispettivament mid-diżabilità, għandu d-dritt għal trattament u opportunitajiet indaqs fir-rigward ***tal-impjiegi, tal-protezzjoni soċjali, tal-edukazzjoni,*** tal-aċċess għall-prodotti u s-servizzi disponibbli għall-pubbliku (il-prinċipju 3)***; u li l-ugwaljanza tat-trattament u tal-opportunitajiet bejn in-nisa u l-irġiel trid tiġi żgurata u mħeġġa wkoll fl-oqsma kollha (il-prinċipju 2)***. Barra minn hekk, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jirrikonoxxi li l-persuni b'diżabilità għandhom id-dritt għal servizzi li jippermettulhom jipparteċipaw ***fis-suq tax-xogħol u*** fis-soċjetà, ***u ambjent tax-xogħol adattat għall-ħtiġijiet tagħhom*** (prinċipju 17). ***(1) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jirrikonoxxi wkoll li kulħadd għandu d-dritt għal aċċess f'waqtu għal kura tas-saħħa affordabbli, preventiva u kurattiva ta' kwalità tajba (il-prinċipju 16).*** |
| [40] Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10. | [40] Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10. |

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 15a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) Billi l-assistent personali jista' jinkludi persuni li jindukraw b'mod informali bħall-membri tal-familja jew iqis li n-nisa għandhom responsabbiltà sproporzjonata għall-kura mhux imħallsa u mħallsa għall-persuni b'diżabilità, inklużi l-membri tal-familja nisa;*** |

**Emenda 8**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) Jeħtieġ li niffaċċjaw in-nuqqas kbir ta' għarfien dwar l-aċċessibbiltà psikosoċjali, u għalhekk ma tittieħed l-ebda miżura individwali u strutturali biex jiġu eliminati l-ostakli li jxekklu jew ifixkluha, inklużi l-ostakli attitudinali, amministrattivi u sistemiċi jew simboliċi, sabiex jgħinu fil-ġlieda kontra l-istigma u preġudizzji li jwasslu għal diskriminazzjoni, vjolenza, abbuż, esklużjoni soċjali u segregazzjoni, li jikkostitwixxu ostakli għall-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità u ma jiffavorixxux ir-rispett għall-awtonomija, ir-rieda u l-preferenzi tagħhom.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ħtieġa ta' protezzjoni aktar b'saħħitha tan-nisa b'diżabilità. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinkludi status preferenzjali għan-nisa u l-bniet b'diżabilità li jkunu vittmi ta' vjolenza u abbuż, li tagħtihom attenzjoni urġenti bħala dawk li huma l-aktar f'riskju, sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni preventiva.*

**Emenda 9**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Eżempji ta' kundizzjonijiet speċjali jew ta' trattament preferenzjali jinkludu aċċess mingħajr ħlas, tariffi jew pedaġġi mnaqqsa tat-/pontijiet/mini, aċċess prijoritarju, siġġijiet deżinjati f'parks u żoni pubbliċi oħra, siġġijiet aċċessibbli f'avvenimenti kulturali jew pubbliċi, assistenza personali, annimali ta' assistenza, assistenza fil-bajjiet biex jinżlu fl-ilma, appoġġ (bħall-aċċess għall-braille, gwidi awdjo, interpretar bil-lingwa tas- | (24) Eżempji ta' kundizzjonijiet speċjali jew ta' trattament preferenzjali jinkludu aċċess mingħajr ħlas, tariffi jew pedaġġi mnaqqsa tat-/pontijiet/mini, aċċess prijoritarju, siġġijiet deżinjati f'parks u żoni pubbliċi oħra, siġġijiet aċċessibbli f'avvenimenti kulturali jew pubbliċi, assistenza personali, annimali ta' assistenza, assistenza fil-bajjiet biex jinżlu fl-ilma, appoġġ (bħall-aċċess għall-braille, gwidi awdjo, interpretar bil-lingwa tas- |

| | |
|---|---|
| sinjali), għotjiet ta' għajnuna jew assistenza, self ta' siġġu tar-roti, self ta' siġġu tar-roti li jżomm f'wiċċ l-ilma, il-ksib ta' informazzjoni turistika f'formati aċċessibbli, l-użu ta' skuter għall-mobbiltà fit-toroq jew ta' siġġu tar-roti fil-korsiji għaċ-ċiklisti mingħajr ma jingħataw multa, eċċ. Il-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ jinkludu parkeġġ estiż jew parkeġġ riżervat. Fir-rigward tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri, minbarra l-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali offrut lill-persuni b'diżabilità, f'konformità mal-leġiżlazzjoni jew il-prattiki nazzjonali, l-annimali tal-għajnuna, l-assistenti personali jew persuni oħra li jakkumpanjaw jew li jgħinu lill-persuni b'diżabilità (jew b'mobbiltà mnaqqsa) jistgħu jivvjaġġaw mingħajr ħlas jew ipoġġu, fejn ikun prattiku, ħdejn il-persuna b'diżabilità. | sinjali), għotjiet ta' għajnuna jew assistenza, self ta' siġġu tar-roti, self ta' siġġu tar-roti li jżomm f'wiċċ l-ilma, il-ksib ta' informazzjoni turistika f'formati aċċessibbli, l-użu ta' skuter għall-mobbiltà fit-toroq jew ta' siġġu tar-roti fil-korsiji għaċ-ċiklisti mingħajr ma jingħataw multa, eċċ. Il-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ jinkludu parkeġġ estiż jew parkeġġ riżervat. Fir-rigward tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri, minbarra l-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali offrut lill-persuni b'diżabilità, f'konformità mal-leġiżlazzjoni jew il-prattiki nazzjonali, l-annimali tal-għajnuna, l-assistenti personali jew persuni oħra li jakkumpanjaw jew li jgħinu lill-persuni b'diżabilità (jew b'mobbiltà mnaqqsa) jistgħu jivvjaġġaw mingħajr ħlas jew ipoġġu, fejn ikun prattiku, ħdejn il-persuna b'diżabilità. ***Fir-rigward tal-adozzjoni ta' miżuri effettivi biex tiġi żgurata l-mobbiltà, jeħtieġ li tiġi kkunsidrata l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità fil-mezzi differenti tat-trasport pubbliku (ferrovija, ajruplan, eċċ.) u li jeħtieġu jużaw is-siġġu tar-roti proprju tagħhom minħabba l-ispeċjalizzazzjoni meħtieġa biex tiggarantixxi s-sikurezza tagħhom.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Nondiskriminazzjoni ta' persuni b'diżabilità. Il-persuni b'diżabilità għandhom igawdu d-drittijiet kollha fuq l-istess bażi bħall-oħrajn. Dan jinkludi l-fatt li jkunu jistgħu jgawdu l-moviment liberu tal-persuni mingħajr xkiel għall-moviment tagħhom u bl-appoġġ individwali li kull persuna teħtieġ. L-iżgurar ta' aċċessibbiltà universali, skont l-Artikolu 9 tas-CRPD, f'koerenza mal-Emendi preċedenti.*

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punti 3a u 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3aa) Servizzi ta' informazzjoni u konsulenza għan-nisa u l-bniet*** |

| | |
|---|---|
| | ***b'diżabilità.*** |
| | ***(3b) servizz speċjalizzat ta' informazzjoni, assistenza u appoġġ lin-nisa u lill-bniet b'diżabilità li huma vittmi ta' vjolenza.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirrikonoxxu l-persuni kollha b'diżabilità li għandhom Kard Ewropea tad-Diżabilità biex jiżguraw ir-rikonoxximent reċiproku tal-kard bħaal mezz ta' protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' diżabilità, bid-dritt konsegwenti ta' aċċess fl-UE kollha għar-rimedji u l-mekkaniżmi pprovduti kontra l-ksur tad-drittijiet u n-nuqqas ta' trattament ugwali effettiv; b'mod partikolari l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kard Ewropea tad-Diżabilità tkun aċċessibbli bl-istess mod għall-persuni b'diżabilità irrispettivament mis-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-fattizzi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ bħala kard fiżika u għandha tiġi kkomplementata minn format | 5. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ bħala kard fiżika u għandha tiġi kkomplementata minn format |

diġitali mal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 7. Il-persuni b'diżabilità għandhom jingħataw l-għażla li jużaw jew il-kard diġitali jew dik fiżika, jew it-tnejn li huma.

diġitali mal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 7. Il-persuni b'diżabilità għandhom jingħataw l-għażla li jużaw jew il-kard diġitali jew dik fiżika, jew it-tnejn li huma. ***Il-proċess biex tintalab u tinkiseb Kard Ewropea tad-Diżabilità maħruġa mill-Istati Membri għandu jitfassal b'mod simplifikat. Għall-persuni b'diżabilità li japplikaw għall-kard, għażla tista' tkun, pereżempju, li fuq in-naħa ta' wara tal-kard jitniżżlu r-rekwiżiti speċifiċi tagħhom. B'dak il-mod ma għandu jkun hemm l-ebda ostaklu fiżiku jew diġitali biex jingħataw aċċess ugwali għall-ħruġ mingħajr ħlas jew għat-tiġdid tal-kard. Huwa importanti li jiġu ggarantiti l-aċċessibbiltà u l-użu b'mod sħiħ tagħha mill-persuni kollha b'diżabilità, speċjalment min-nisa u l-bniet b'diżabilità li huma partikolarment f'riskju li jiġu esklużi b'mod diġitali.***

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku u jinfurmaw lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità. | 2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku inkluż ***l-awtoritajiet pubbliċi u l-fornituri privati tas-servizzi li għandhom il-potenzjal li joffru appoġġ imfassal skont l-Artikolu 5, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet tal-kard. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw ukoll lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli u li juża ġens newtrali, dwar l-eżistenza*** u jinfurmaw lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità. ***Huma għandhom jikkoordinaw ukoll taħriġ komprensiv integrat skont il-perspettiva tal-ġeneri*** |

| | |
|---|---|
| | ***għall-atturi kollha kkonċernati.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. | 4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. ***Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta wkoll lill-esperti dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u titlob data diżaggregata skont il-ġeneru minn kull Stat Membru u mill-awtoritajiet kompetenti tal-UE fid-dawl tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-ibbaġitjar skont il-ġeneru meta meħtieġ.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 2– punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) dispożizzjonijiet li permezz tagħhom korpi pubbliċi jew assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali privati oħra li għandhom interess leġittimu biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu rrispettati jistgħu jieħdu azzjoni f'konformità mad-dritt u l-proċeduri nazzjonali quddiem il-qrati jew quddiem il-korpi amministrattivi kompetenti f'isem il-persuna b'diżabilità jew b'appoġġ għaliha, bl-approvazzjoni ***tagħha***, fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva prevista għall-infurzar tal-obbligi skont din id-Direttiva. | (b) dispożizzjonijiet li permezz tagħhom korpi pubbliċi ***bħal Korpi tal-Ugwaljanza*** jew assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali privati oħra li għandhom interess leġittimu biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu rrispettati jistgħu jieħdu azzjoni f'konformità mad-dritt u l-proċeduri nazzjonali quddiem il-qrati jew quddiem il-korpi amministrattivi kompetenti f'isem il-persuna b'diżabilità jew b'appoġġ għaliha, bl-approvazzjoni ***tagħhom***, fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva prevista għall-infurzar tal-obbligi skont din id- |

| | |
|---|---|
| | Direttiva. |

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ir-rapport għandu jindirizza, inter alia, ***fid-dawl tal-iżviluppi soċjali u ekonomiċi,*** l-użu tal-Kard tal-UE tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità bil-għan li tiġi vvalutata l-ħtieġa li din id-Direttiva tiġi rieżaminata. | 2. Ir-rapport għandu jindirizza, inter alia, l-użu tal-Kard tal-UE tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***fid-dawl tal-iżviluppi soċjali u ekonomiċi fl-Istati Membri u fl-Unjoni kollha kemm hi,*** bil-għan li tiġi vvalutata l-ħtieġa li din id-Direttiva tiġi rieżaminata. ***Ir-rapport għandu jinkludi analiżi tal-ġeneru, li tiffoka fuq kif id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva effettivament u potenzjalment kellhom impatt fuq il-moviment ħieles tan-nisa u l-bniet b'diżabilità. Ir-rapport għandu jevalwa wkoll l-effettività tal-miżuri ta' inċentivi pprovduti mill-Istati Membri lill-fornituri tas-servizzi. Dan għandu jqis il-feedback mill-persuni b'diżabilità u mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet li jiġġieldu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll partijiet ekonomiċi kkonċernati. Il-Kummissjoni għandha toħloq portal diġitali li jkun fih l-informazzjoni kollha fir-rigward tal-benefiċċji li wieħed ikollu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ fl-Istati Membri b'mod li juża ġens newtrali.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha u fi żmien xieraq, l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-Kummissjoni sabiex tfassal rapport bħal dan. | 3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha u fi żmien xieraq, l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-Kummissjoni sabiex tfassal rapport bħal dan. ***Din l-informazzjoni għandha tinkludi, fost l-oħrajn, perspettiva ċara tal-ġeneru dwar l-implimentazzjoni tal-Kard tad-Diżabilità. L-Istati Membri għandhom jiġbru data diżaggregata skont il-ġeneru sabiex jidentifikaw il-forom ta' diskriminazzjoni multipla li jiffaċċjaw in-nisa u l-bniet b'diżabilità meta jaċċessaw kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali fir-rigward ta' servizzi, attivitajiet jew faċilitajiet, jew il-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ offruti lil persuni b'diżabilità jew lil persuni li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inkluż l-assistent(i) personali tagħhom, jew riservati għalihom, f'konformità mal-obbligi li jirriżultaw mill-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew mill-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità. Din id-data għandha tintuża għall-valutazzjoni tal-impatt fuq il-ġeneru tad-Direttiva u tiggarantixxi fil-futur ir-reviżjoni tagħha integrata skont il-perspettiva tal-ġeneri.*** |

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat:

| **Entità u/jew persuna** |
|---|
| CERMI- Comité Español de Representantes de Personas con Discapacidad |
| ONCE-Organización Nacional de Ciegos Españoles |
| Asociación Autismo España |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-istabbiliment l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità |
| **Referenzi** | COM(2023)0512 – C9-0328/2023 – 2023/0311(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | EMPL<br>19.10.2023 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | FEMM<br>19.10.2023 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Rosa Estaràs Ferragut<br>10.10.2023 |
| **Data tal-adozzjoni** | 30.11.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 22<br>–: 1<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Isabella Adinolfi, Robert Biedroń, Vilija Blinkevičiūtė, Margarita de la Pisa Carrión, Frances Fitzgerald, Radka Maxová, Johan Nissinen, Maria Noichl, Carina Ohlsson, Pina Picierno, Maria Veronica Rossi, Christine Schneider |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Abir Al-Sahlani, Marina Kaljurand, Aušra Maldeikienė, Silvia Modig, Susana Solís Pérez, Pernille Weiss, Angelika Winzig |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Jakop G. Dalunde, France Jamet, Grace O'Sullivan, Tomáš Zdechovský |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 22 | + |
|---|---|
| ECR | Margarita de la Pisa Carrión |
| ID | France Jamet, Maria Veronica Rossi |
| PPE | Isabella Adinolfi, Frances Fitzgerald, Helmut Geuking, Aušra Maldeikienė, Christine Schneider, Pernille Weiss, Angelika Winzig, Tomáš Zdechovský |
| Renew | Abir Al-Sahlani, Susana Solís Pérez |
| S&D | Robert Biedroń, Vilija Blinkevičiūtė, Marina Kaljurand, Radka Maxová, Maria Noichl, Carina Ohlsson, Pina Picierno |
| The Left | Silvia Modig |
| Verts/ALE | Grace O'Sullivan |

| 1 | - |
|---|---|
| ECR | Johan Nissinen |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni